TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Celestino Zammit

vs

L-Apertura Limited (C-104387)

CCT 180/25/MS

25 ta' Frar 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-7 ta' Awwissu 2025 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu l-ammont ta' elf u hames mitt euro rapprezentant depozitu imhallas minnu ghal twieqi ta' PVC li kellhom jigu installati sal-ahhar ta' Gunju 2025, liema twieqi qatt ma gew konsenjati jew installati.

Ra li l-isocjeta' intimata debitament notifikata skond il-ligi, m'ghamlitx risposta u hadd ma deher meta hekk imsejjah mit-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizuta mill-provi illi fit-28 ta' April 2025 ir-rikorrent hallas l-ammont ta' elf u hames mitt euro rapprezentanti depozitu ghal twieqi tal-PVC li kellhom jigu installati sal-ahhar ta' Gunju tal-istess sena. Skond dak li xehed ir-rikorrent, dawn qatt ma gew installati u ghalhekk ir-rikorrent qed jitlob illi jiehu lura id-depozitu imhallas minnu.

Illi fin-nuqqas ta' dehra ta' rapprezentant mis-socjeta' intimata, it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li xehed ir-rikorrent u t-Tribunal m'ghandux

ghalfejn jiddubita' mill-veracita' tax-xhieda tal-istess rikorrent li huwa korroborat minn ircevuta li juri illi l-hlas verament sar.

Fic-cirkostanzi, u anke tenut kont tal-fatt illi s-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta u hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal - agir lijikompli jinduci lit-Tribunal illi jemmen il-versjoni tar-rikorrent, versjoni li baqghet mhux kontestaat, it-Tribunal ser jilqa' t-talba tiehgu fl-intier tieghu. Apparti minn dan qed jillikwida danni morali fl-ammont ta' mitejn euro u qed jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu l-ammont ta' elf u seba' mitt euro - kwantu ghal elf u hames mitt euro, depozitu imhllas minnu u kwantu ghal mitejn euro danni morali.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi ili jilqa' it-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata thallas lir-rikorrent l-ammont ta' elf u seba mitt euro. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**